Malta NSO
National Statistics Office
Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

AVVIŻ TA' TAGĦRIF GĦALL-ISTAMPA

**27 ta' Mejju 2026**

## Tagħrif dwar l-Iskedar mill-ġdid tal-Istqarrijiet tal-Aħbarijiet Skedati

L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) jinnota rapporti riċenti ppubblikati mill-mezzi tax-xandir dwar id-deċiżjoni li ttieħdet fil-21 ta' Mejju 2026, li biha l-istqarrijiet ta' 'Iċ-Ċifri tal-Finanzi tal-Gvern: Jannar-April 2026' u 'Il-Qgħad Irreġistrat: April 2026' kienu skedati mill-ġdid mid-29 ta' Mejju għat-3 u l-4 ta' Ġunju 2026, rispettivament.

Ir-raġuni għall-iskedar mill-ġdid tal-istatistika uffiċjali ttieħdet b'ħarsien sħiħ tal-prinċipji imposti minn Artikolu 114 (1) tal-Kapitolu 354 tal-Liġijiet ta' Malta 'Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali'. Din id-dispożizzjoni tistipula li fil-jum minnufih qabel elezzjoni u dakinhar tal-Elezzjoni Ġenerali, ħadd ma jista' jippubblika materjal stampat jew mezz ieħor ta' komunikazzjoni lill-pubbliku li x'aktarx jista' jinfluwenza lill-votanti. Ksur ta' din id-dispożizzjoni jġorr miegħu multa u priġunerija.

Iggwidati mill-ispirtu ta' din il-leġiżlazzjoni, kif ukoll mill-valuri ewlenin tal-integrità, in-newtralità, l-etika u l-governanza tajba tal-istatistika, l-NSO ħass li kien prudenti u sewwa li jevita li jippubblika statistika uffiċjali meta il-votanti huma intitolati bil-liġi għal waqt ta' riflessjoni. Barra minn hekk, il-pubblikazzjoni ta' statistika fi żmien meta dawk li jfasslu l-politika ma jkunux f'qagħda legali li jwieġbu fil-ħin u b'mod sinifikanti għall-istatistika ppubblikata toħloq żbilanċ inġust fl-informazzjoni.

L-NSO jtenni li din id-deċiżjoni ttieħdet fil-21 ta' Mejju 2026 u kienet ippubblikata fuq il-kalendarju online tiegħu fit-22 ta' Mejju 2026. Dak iż-żmien, l-istatistika kienet ghadha mhix ikkompilata u ghalhekk il-kontenut tagħha ma kienx magħruf. L-NSO żamm l-istqarrija skedata tiegħu tal-Prodott Domestiku Gross għall-ewwel kwart tal-2026 għall-Ħamis 28 ta' Mejju 2026 minħabba li din id-data taqa' 'l barra mill-jum ta' riflessjoni legali.

Għaldaqstant, il-posponiment kien iggwidat biss minn konsiderazzjonijiet ta' responsabbiltà istituzzjonali u prattika tajba tal-istatistika. L-għan jibqa' li jkun żgurat li l-istatistika uffiċjali tkompli taqdi l-għan maħsub tagħha b'mod effettiv u xieraq, u b'mod konsistenti mal-ispirtu tal-Artikolu 114 (1) tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali.